Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' Jannar 2026**
**(OR. en)**

**5083/26**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0251 (COD)**

**CODEC 11**
**ECOFIN 6**
**UEM 4**
**RELEX 3**
**MED 1**
***ECB***
***EIB***

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tipprevedi assistenza makrofinanzjarja lir-Renju Ħaxemita tal-Ġordan **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fil-5 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha[1] lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 212(2) TFUE.

2. Fis-16 ta' Diċembru 2025, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni fl-ewwel qari[2]. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet li jaċċettaw il-proposta tal-Kummissjoni u, għalhekk, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

[1] 12078/25 + ADD1.
[2] 16706/25.

3. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 55/25, bħala punt "A" ta' laqgħa li jmiss.

4. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.

   Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u dak tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.